MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 309/2005

**Av. Antoine Camilleri - numru tal-karta ta’ l-identita’ 495276 (M) - bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri Adidas International Marketing B.V. u Adidas-Salomon AG**

**vs**

**Avukat Dr. Saviour Brincat u il-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ XXX9999 EURL Ghanem Lakhal Import/Export, Cite Des Freres Asses, Rue T No 256 25000 Algerie, nominati b’digriet tal-21 ta’ April 2005 u b’digriet tas-27 ta’ Gunju 2005 l-Avukat Dr. Vincent Galea gie nominat kuratur deputat in sostituzzjoni tal-kuratur deputat gja nominat Dr. Saviour Brincat**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi l-ewwel socjeta' attrici Adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda, hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

Illi dina l-ewwel socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv "three stripes device" fil-komplessita' tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No.* 29740 (kif muri f' Dok. "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "three stripes device" u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi t-tieni socjeta' attrici Adidas-Salomon AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" liema markji huma wzati mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "B", "C", "D" u "E";

Illi dina t-tieni socjeta' attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji distintivi "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No.* 10994 (kif muri f'Dok "B"),

*Trademark No.* 30173 (kif muri f'Dok "C"), *Trademark No.* 13562 (kif muri f'Dok "D"), u *Trademark No.* 29878 (kif muri f'Dok. "E"), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta' attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogholijiet artistici "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta illi fl-4 ta' Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM BERLIOZ", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' krakar sportivi li jgibu l-markju "three stripes device" u l-markju "adidas" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par, b'Container Numru TEXU3952143 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu numru XIA151620 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-krakar sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala XXX9999 EURL Ghanem Lakhal Import/Export, Cite Des Freres Asses, Rue T No 256 25000 Algerie, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma XTA0005 HT Point Limited, 411, 4/F World Commerce Center, 11 Canton Road, Tsimsharsut, Kowloon, Hong-Kong, China;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-krakar sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali taz-zewg socjetajiet attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala

“three stripes device”, “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet attrici ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-KAP 415 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tal-ewwel socjeta’ attrici adidas International Marketing B.V. f’ishem iz-zewg socjetajiet attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok “F”);

Illi din il-konsenja ta’ krakar sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu iz-zewg socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok “G”);

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghalfejn din il-Qorti, m’ghandhiex:

1. fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi l-krakar sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP 414);

2. fil-konfront tal-ewwel socjeta’ attrici, jigifieri Adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ krakar sportivi li tikkonsisti f’hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ dina s-socjeta’ attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant

vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' attrici bin-numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. fil-konfront tat-tieni socjeta' attrici, jigifieri Adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' krakar sportivi li tikkonsisti f'hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjeni d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta dina s-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)), u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f' isem is-socjeta' attrici bin-numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "trefoil device" u "adidas";

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-krakar sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta, skond l-Artiklu 8 tal-KAP 414;

5. tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizura Intrakonfini) – KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici;

6. tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna tad-distruzzjoni tal-krakar sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie eccepit li huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jipprezentaw l-eccezzjoni formali taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuarturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur nomine u l-affidavit ta’ George Agius presentat mill-istess attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur nomine qed jagixxi ghan-nom u in rappresentanza ta’ zewg socjetajiet attrici esteri u cioe Adidas International Marketing B.V. ta’ Amsterdam l-Olanda u Adidas-Salomon AG tal-Germanja. Jirrizulta li l-imsemmija l-ewwel socjeta attrici hi proprjetarja tal-markju distintivi maghruf bhala “three stripes device” li hu wzat ghar-rigward ta’ prodotti ta’ abbiljament, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra. Jirrizulta li din l-istess l-ewwel socjeta attrici hi detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju distintiv kif registrat mal-awotitajiet kompeteni maltin taht *Trademark No.* 29740. L-istess socjeta attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku mgharuf “three stripes device” u dan skond il-ligi. Jirrizulta li t-tieni socjeta attrici hi proprjetarja tal-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” liema markji huma wzati fuq prodotti ta’ abbiljament, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra. L-istess tieni socjeta attrici hi ukoll detentrici

tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markji distintivi kif regitrati mal-awtoritajiet kompetenti maltin taht *Trademark No.* 10994, *Trademark No.* 30173, *Trademark No.* 13562 u *Trademark No.* 29878. L-istess tieni socjeta attrici drittijiet tal-awtur ghar-rigward tad-disinnji jew xogholijiet artistici relattivi u dana skond il-ligi;

Fic-citazzjoni l-attur nomine jippremetti li fl-4 ta’ Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta konsenja ta’ krakar sportivi li jgibu l-imsemmija markji distintitvi proprjeta tas-socjetajiet attrici u liema konsenja tikkonsisti f’hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par kif kontenuti fil-container numru TEXU3952143. L-attur nomine jkompli jallega li dawn l-imsemmija oggetti kienu ffalsifikati u ghalhekk projbiti mill-ligi milli jiddahlu f’Malta. L-attur nomine jippretendi ukoll li l-oggetti in kwestjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjetajiet attrici u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur tal-istess socjetajiet attrici. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur nomine qed jitlob li jigi dikjarat, fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, li l-krakar sportivi in kwistjoni huma oggetti falsifikati, li jigi dikjarat, fil-konfront tal-ewwel socjeta’ attrici, li d-dhul gewwa Malta ta’ din il- konsenja tikkontravvjeni d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ dina s-socjeta’ attrici u li jigi dikjarat, fil-konfront tat-tieni socjeta’ attrici, li d-dhul gewwa Malta ta’ din il-konsenja jikkontravvjeni d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta dina s-socjeta’ attrici. L-attur nomine qed jitlob ukoll li jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici li l-oggetti in kwestjoni jigu distrutti u li jigi ordnat kull rimedju iehor skond il-ligi fil-konfront tas-socjetajiet attrici. Finalment l-attur nomine qed jitlob li l-konvenbuti jigu ordnati jhallsu l-ispejjez kollha relattivi;

Il-konvenuti kuraturi deputati ssottomettew li huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jipprezentaw l-eccezzjoni formali taghhom fi stadju ulterjuri. Jigi rilevat li ma gewx presentati eccezzjonijiet formali u li l-konvenuti kuraturi deputati naqsu li jipproducu provi fil-meritu;

Mill-kumpless ta' provi prodotti l-pretensjonijiet tal-attur nomine jirrizultaw sufficjentement pruvati. In effett jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 2005 iddahhlet gewwa Malta, bil-bahar, konsenja ta' krakar sportivi li jgibu l-markji distintitvi proprjeta tas-socjetajiet attrici. Din il-konsenja kienet tikkonsisti f'hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par u kienet kontenuta fil-container numru TEXU3952143. Jirrizulta ukoll li dawn l-oggetti kienu kollha ffalsifikati u ghalhekk l-importazzjoni taghhhom gewwa Malta hi projbita skond il-ligi. Inoltre jirrizulta li dawn l-oggetti jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjetajiet attrici u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur tal-istess socjetajiet attrici; .

Jirrizulta ukoll li l-konsenjatarji tal-krakar sportivi in kwistjoni huma l-konvenuti esteri u li bhalissa l-istess konsenja tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana skond il-ligi;

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti bl-eccezzjoni tal-hames talba stante li ma jirrizultax li ghandhom jinghataw lis-socjetajiet attrici xi rimedji ulterjuri. Ghar-rigward tar-raba talba l-ordni li jigu distrutti l-oggetti in kwestjoni ghandha tkun indirizza lejn il-Kontrollur tad-Dwana li bhalissa ghandu l-pussess tal-istess oggetti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici bl-eccezzjoni tal-hames talba u b'hekk, fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi l-krakar sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP 414); fil-konfront tal-ewwel socjeta' attrici, jigifieri Adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il- konsenja ta' krakar sportivi li tikkonsisti f'hamest elef, tlett mija u erbgha u

sittin (5364) par da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' dina s-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' attrici bin-numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device"; fil-konfront tat-tieni socjeta' attrici, jigifieri Adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' krakar sportivi li tikkonsisti f'hamest elef, tlett mija u erbgha u sittin (5364) par da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjeni d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta dina s-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)), u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f' isem is-socjeta' attrici bin-numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "trefoil device" u "adidas"; tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi l-krakar sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta, skond l-Artiklu 8 tal-KAP 414 u tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna tad-distruzzjoni tal-krakar sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP 414;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------